MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tat-12 ta' Awwissu, 2003

Rikors Numru. 2293/2000/1

**Fl-Atti taċ-Ċitazzjoni numru 2062/00JRM fl-ismijiet:**

**Francis X. AQUILINA *sive* Moses**

**vs**

**David K. AQUILINA f'ismu proprio u in rappreżentanza ta' Indamar Limited**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq minn David Aquilina fit-13 t'Ottubru, 2000, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, talab li din il-Qorti tħassar il-Mandat ta' Sekwestru numru 3483/00 maħruġ kontrih mill-intimat eżekutant Francis X. Aquilina; li tiddeċiedi li l-imsemmi Mandat huwa malizzjuż, odjuż, frivolu u vessatorju; li tikkundanna lill-intimat eżekutant iħallas penali; u li tordna lill-istess intimat iġib garanzija xierqa fiż-żmien li tagħtih l-istess Qorti biex tagħmel tajjeb għall-penali u d-danni;

Rat iż-żewġ (2) dokumenti mressqin mal-istess Rikors;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimat eżekutanti fit-3 ta' Novembru, 2000, li biha u għar-raġunijiet hemm imsemmija, seħaq li t-talba tar-rikorrent m'għandhiex tiġi milqugħa;

Rat it-tmien (8) dokumenti mressqin mal-imsemmija Tweġiba;

Rat il-verbal tas-smigħ tas-6 ta' Diċembru, 2000, b'mod partikolari t-talba reġistrata mill-abbli difensur tar-rikorrent eżekutat sabiex l-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 3484/00 jitqegħdu mal-atti tal-preżenti Rikors;

Rat id-Degriet tagħha kamerali tat-28 ta' Marzu, 2001[1], li bih laqgħet it-talba tar-rikorrent eżekutat għall-allegazzjoni tal-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tar-Rikors u l-atti tal-Mandat mehmuż magħhom;

Rat id-Degriet tagħha tas-17 ta' Mejju, 2001, li bih ħalliet ir-Rikors għall-provvediment;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija proċedura maħsuba taħt l-artikolu 836 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Mit-talbiet li għandha quddiemha l-Qorti, ir-rikorrent qed jipprova jneħħi minn fuqu l-effetti ta' Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju li missieru ħareġ kontrih, kemm personalment u kif ukoll in rappreżentanza tal-kumpannija Indamar Limited, fit-28 ta' Settembru, 2000[2], jiġifieri dak inhar stess li l-intimat eżekutant fetaħ kawża[3] kontrihom għall-kundanna tal-ħlas lura ta' flejjes mislufa. Il-kawżali tal-Mandat tirreferi għal "self dovut li jikkomprendi l-imgħax u multa kif spjegat fiċ-ċitazzjoni ippreżentata kontestwalment ma' dan il-Mandat". Il-kreditu msemmi fil-Mandat huwa ta' erbgħa u ħamsin elf u tmien mija u ħamsin lira Maltija (Lm54,850). Il-Mandat inħareġ dak inhar stess li tressaq, b'Degriet mogħti fit-28 ta' Settembru, 2000;

[1] Paġġ. 48-9 tal-atti
[2] Paġġ. 6-9 tal-atti
[3] Ċitazz. Nru. 2062/00TM

Illi jrid jingħad minnufih li, minn kif inhu mfassal ir-Rikors, qiegħed jintwera ċar li dan tressaq biss mill-intimat David Aquilina fil-kwalita' personali tiegħu. Ma tressaqx mill-imsemmi Aquilina fil-kwalita' tiegħu ta' rappreżentant tal-kumpannija eżekutata Indamar Limited. Huwa għalhekk qiegħed jitlob li l-imsemmi Mandat jitneħħa jew jitħassar biss kwantu dan tressaq kontrih personalment;

Illi r-rikorrent eżekutat iqis li l-imsemmi Mandat ma kellux għalfejn jibqa' fis-seħħ dwaru għal żewġ (2) raġunijiet. Dawn ir-raġunijiet huma fost dawk li l-artikolu 836 (1) tal-Kap 12 jaħseb għalihom u jistgħu jitfissru hekk: (a) li l-ammont imsemmi fil-Mandat m'hux ġustifikat mad-daqqa t'għajn jew huwa eċċessiv; u (b) li m'hemmx raġuni siewja għaliex il-Mandat għandu jibqa' fis-seħħ, billi m'huwiex iżjed meħtieġ jew ġustifikabbli li l-Mandat jibqa' fis-seħħ;

Illi, b'żieda mat-talba għat-tħassir tal-Mandat, ir-rikorrent qiegħed jitlob ukoll li l-intimat eżekutant jiġi kundannat iħallas penali talli ħareġ il-Mandat kontrih u kif ukoll li, f'każ li t-talba ewlenija tiegħu ma tintlaqax, li l-intimat jiġi ordnat li jagħti garanzija xierqa, fiż-żmien li l-Qorti tagħtiha, biex tagħmel tajjeb għall-ħlas tad-danni u l-imgħax li 'l quddiem huwa jista' jiġi kundannat iħallas lir-rikorrent eżekutat. Dawn it-talbiet jitqiesu biss jekk l-ewwel talba tar-rikorrent ma tintlaqax;

Illi, fit-Tweġiba tiegħu, l-intimat eżekutant jagħti raġunijiet għaliex dak li talab ibnu m'għandux jintlaqa';

Illi, kif ingħad bosta drabi fi proċeduri bħal dawn, l-istħarriġ li għandha tagħmel il-Qorti huwa biss wieħed *prima facie* u dan għaliex il-mertu jmissu jiġi mistħarreġ fil-kawża proprja bejn

il-partijiet[4]. Għalhekk, hija l-fehma tal-Qorti li m'huwiex meħtieġ li tifli fil-mertu l-kwestjonijiet li nqalgħu bejn il-partijiet, liema kwestjonijiet iridu jiġu mistħarrġa mill-Qorti li qegħda tisma' l-kawża mressqa mill-intimat;

Illi mill-fatti li joħorġu f'dawn l-atti, jirriżulta li dak inhar li l-Mandat inħareġ, l-intimat eżekutant talab ukoll il-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni[5] fejn jissemma kreditu ta' l-istess ammont bħal dak fil-Mandat taħt eżami. L-imsemmi Mandat, għalkemm intlaqa' provviżorjament dak inhar, ġie miċħud b'Degriet tal-24 ta' Ottubru, 2000. L-intimat, b'rikors imressaq fit-3 ta' Novembru, 2000, reġa' ttanta jitlob lill-Qorti biex tibdel il-fehma tagħha u tilqa' l-Mandat ta' Inibizzjoni: iżda b'Degriet tal-21 ta' Novembru, 2000, it-talba ġiet miċħuda. Sadattant, l-erba' (4) sekwestratarji msemmija fil-Mandat ta' Sekwestru ġew notifikati l-għada li nħareġ il-Mandat, iżda l-ebda wieħed ma wieġeb li kien żamm taħt idejh xi flejjes, jew assi, mill-kontijiet bankarji intestati f'isem ir-rikorrent;

Illi l-Qorti sejra tgħaddi biex tqis l-aspetti ta' dritt li jsawru l-każ u li, kif ingħad qabel, ir-rikorrent qiegħed jibnihom fuq kawżali speċifiċi tal-liġi. Il-Qorti għandha tistħarreġ li r-rekwiżiti mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-Mandat jidhru mill-att innifsu u li dan ma nħariġx b'mod abbużiv[6];

Illi, kif ingħad, ir-rikorrent isemmi żewġ kawżali li dwarhom, jew xi waħda minnhom, jistenna li t-talbiet tiegħu jiġu meqjusa:

---

[4] Ara P.A. RCP **7.2.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Visa Investments Ltd. vs Blye Engineering Co. Ltd***
[5] Mandat Inib. 3484/00
[6] Kumm GMA **23.6.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul Ħili et vs Dr. Joselle Farruġia noe et*** (mhix pubblikata)

A) <u>L-ammont mitlub m'huwiex *prima facie* ġustifikat jew hu eċċessiv</u> (Art. 836(1)(d)). Ir-rikorrent isejjes dan l-ilment tiegħu dwar din il-kawżali billi jgħid li l-Mandat huwa infondat fil-fatt u fid-dritt għaliex ma teżisti l-ebda rabta legali jew kummerċjali bejnu personalment u l-intimat fuq il-ħwejjeġ imsemmija fil-Mandat. Dwar dan irid jingħad minnufih li l-kwestjoni mqanqla mir-rikorrent dwar ir-relazzjoni ġuridika tiegħu jew jekk huwiex "il-leġittimu kontradittur" tal-pretensjonijiet jew kawżali tal-Mandat hija kwestjoni li din il-Qorti ma tistax tqishom bħala siewja f'din l-għamla ta' proċedura[7]. Bosta mill-argumenti mressqin mir-rikorrent dwar din il-kawżali jagħmlu parti mill-eċċezzjonijiet li huwa tella' għall-azzjoni attriċi fil-kwestjoni fil-mertu u m'humiex kriterji li Qorti, f'din il-proċedura, hija mistennija li tqis jew tifli biex tasal għad-deċiżjoni dwar jekk għandhiex tordna t-tħassir ta' Mandat kawtelatorju. Validi kemm jistgħu jkunu validi l-ilmenti ta' rikorrent taħt dan il-kap, il-Qorti għandha tevita għal kollox milli tidħol f'analiżi jew deliberazzjoni ta' kwestjonijiet fil-mertu (ukoll jekk aspett preliminari ta' dak il-mertu) li posthom huwa biss fil-"kawża" li ssir u li in kawtela tal-pretensjonijiet magħmulin fiha jkun inħareġ il-Mandat;

Illi l-Qorti tifhem li l-kejl li għandu jittieħed biex jitqies it-tħassir ta' Mandat kawtelatorju taħt din ir-ras huwa wieħed li jorbot il-kawżali tal-istess Mandat mal-kreditu msemmi fih. Dan ifisser li l-Qorti għandha tistħarreġ fl-ewwel lok jekk jirriżultax mad-daqqa t'għajn li r-rikorrent eżekutant għandu bażi ta' pretensjoni (dak li f'oqsma oħra ta' dritt jissejjaħ il-"*fumus juris*" tal-pretensjoni dedotta), u fit-tieni lok jekk wasalx biex "jillikwida" tali pretensjoni f'somma li taqbel mal-ammont minnu maħluf fil-Mandat. Wieħed m'għandu qatt jinsa li f'dan il-kuntest, il-Qorti trid tkun gwidata mill-prinċipju li d-dritt għall-azzjoni ġudizzjarja m'għandux jiġi mxejjen jew imġarrab b'leġġerezza, u l-ieħor daqstant siewi li huwa dritt li persuna tħares l-interessi tagħha fil-milja tagħhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jiġi definit minn Qorti[8];

[7] Ara P.A. GC **26.4.2002** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Castelli noe et vs Focal Maritime Services Limited et***
[8] Ara P.A. RCP **29.11.2001** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Vincent Merċieca vs George Galea***

Illi biex ammont imsemmi f'att kawtelatorju jitqies li huwa eċċessiv, jeħtieġ li jintwera li dan ikun eżaġerat fid-dawl tat-talba li ssir[9] jew ikun tant grossolan li ma jistax ma jidhirx mad-daqqa t'għajn bħala wieħed magħmul b'mod ażżardat;

Illi minn dak li rriżulta lil din il-Qorti f'dawn l-atti, ma joħroġ xejn li bih jista' jingħad li, mad-daqqa t'għajn, dak li ntalab mill-intimat jew issemma bħala l-ammont tal-kreditu minnu pretiż kien eċċessiv jew mhux ġustifikat fil-waqt li ntgħamlet it-talba għall-ħruġ tal-Mandat, kif segwit fedelment fl-att taċ-Ċitazzjoni mressaq miegħu;

Illi għal din ir-raġuni għalhekk il-Qorti ma ssibx li t-talba tar-rikorrent fuq din il-kawżali hija mistħoqqa;

<u>B) Jintwera li fiċ-ċirkostanzi m'huwiex raġonevoli li l-mandat jinżamm fis-seħħ jew li huwa ġustifikabbli</u> (Art. 836(1)(f)). Dwar din il-kawżali, ir-rikorrent itenni biss li l-Mandat m'għandux jibqa' fis-seħħ għar-raġunijiet l-oħrajn li semma qabel. Ladarba l-Qorti ma sabitx li r-rikorrent kellu raġuni tajba taħt il-kawżali l-oħrajn, ikollha ssib li lanqas din il-kawżali ma hija mistħoqqa;

Illi, fuq dawn il-mottivi wkoll, il-Qorti jkollha ssib li r-rikorrent ma tahiex raġuni tajba biex tħassar il-Mandat in kwestjoni;

Illi, minkejja dan, il-Qorti ma tistax tinsa għal kollox li, sewwasew minħabba l-effetti drastiċi tal-Mandat, iseħħu konsegwenzi kultant serji li jħallu l-effetti tagħhom fuq il-parti intimata. Kemm hu hekk, il-Qorti tifhem sewwa li r-rikorrent jista' qiegħed iġarrab ħsara kontinwa bil-Mandat fis-seħħ ma

[9] Ara P.A. GV **6.12.1999** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Salvino Farruġia noe vs Exalco Holdings Ltd.***

kull jum li jgħaddi. Din il-ħsara ma tistax madankollu tkun ir-raġuni biex il-Mandat jitneħħa. Kieku l-liġi kellha titfisser b'dan il-mod, l-ebda Mandat effettiv ma jibqa' fis-seħħ ladarba jiġi muri li l-parti intimata f'dak il-Mandat tkun qegħda tbati;

Illii bil-ħniena għandu għalfejn jingħad li jekk, minħabba l-ħruġ ta' Mandat kawtelatorju, il-parti intimata ġġarrab ħsara u dannu, il-liġi nnifisha tagħti lil dik il-parti l-jedd li tressaq 'il quddiem azzjoni għad-danni kontra dik il-parti li tkun ħarġet il-Mandat[10];

Illi r-rikorrent talab ukoll rimedji alternativi għat-tħassir tal-Mandat ta' Sekwestru taħt eżami. Talab, fl-ewwel lok, il-kundanna tal-intimat eżekutant għall-ħlas ta' penali, u wkoll it-tqegħid min-naħa tal-istess intimat ta' garanzija xierqa biex tagħmel tajjeb għad-danni li l-istess rikorrent jista' juri li ġarrab minħabba l-Mandat[11]. Il-Qorti, ladarba ma sabitx raġunijiet tajbin biżżejjed biex tħassar l-effetti tal-Mandat, sejra issa tqis u tara jekk għandhiex tipprovdi favorevolment dwar dawn it-talbiet tar-rikorrent;

Illi, dwar il-kwestjoni tal-ħlas tal-penali, irid jingħad qabel xejn li r-rikorrent isejjes it-talba tiegħu fuq żewġ ċirkostanzi maħsuba fl-artikolu 836(8) tal-Kap 12. L-ewwel waħda hija dik fejn l-eżekutant jonqos li juri li l-Mandat kellu jinħareġ jew li kien imqar talab il-ħlas jew, fejn id-dejn mhuwiex wieħed likwidu, l-għoti ta' sigurta' xierqa mingħand l-eżekutat fi żmien ħmistax-il (15) jum qabel ma nħareġ il-Mandat[12]. It-tieni waħda hi jekk it-talba għall-ħruġ tal-Mandat kienet waħda li saret b'malizzja, tkun fiergħa jew biss biex iddejjaq

[10] Art. 836(9) tal-Kap 12
[11] Taħt l-art. 838A tal-Kap 12
[12] Art. 836(8)(b) tal-Kap 12

lill-eżekutat[13]. L-iżjed li jisħaq fuqu r-rikorrent huwa din it-tieni ċirkostanza;

Illi irid jingħad li l-impożizzjoni ta’ penali taħt dan l-artikolu hija sanzjoni fakoltativa. Il-Qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, tista’ taqbel li tgħabbi lil min ikun ħareġ Mandat kawtelatorju kontra persuna, u fuq talba ta’ din, b’piena ta’ ħlas ta’ penali. Minbarra li tali impożizzjoni hija fakultativa, irid jintwera għas-sudisfazzjon tal-Qorti li trid tkun seħħet waħda miċ-ċirkostanzi maħsubin mil-liġi biex tali sanzjoni tiġi imposta. Erbgħa (4) huma ċ-ċirkostanzi maħsuba mil-liġi f’dan ir-rigward u, ladarba huma sanzjoni punittiva, għandhom jitqiesu strettament bħala tassattivi[14];

Illi dwar l-ewwel ċirkostanza, ir-rikorrent ma jispeċifikax dwar liema waħda mit-tliet xenarji possibbli msemmija f’dik id-dispożizzjoni tal-liġi qiegħed jgħid li l-intimat imissu jiġi ordnat iħallas penali. Ma ressaq l-ebda prova li seħħet xi waħda minn dawk il-kundizzjonijiet, kif kien fid-dmir li jagħmel jekk ried tassew li l-intimat eżekutant jiġi kkundannat iħallas il-penali. Il-weġgħa waħdanija li jsemmi hija d-danni li hu qiegħed iġarrab minħabba l-Mandat ladarba hu jgħix u jaħdem barra minn Malta u jkollu joqgħod jinżel Malta u jitlef ix-xogħol. Il-Qorti tifhem li n-nuqqas ta’ interpellazzjoni għandha minn prova negattiva, u allura ħaġa iebsa biex tipprova, iżda, min-naħa l-oħra, ma ngħad imkien fix-xhieda li l-intimat ma ressaqx talba għall-ħlas fi żmien ħmistax-il (15) jum qabel inħareġ il-Mandat. Ingħad li l-interpellazzjoni li għaliha tirreferi l-liġi ma hijiex biss dik ġudizzjarja, imma li tista’ tkun b’kull mod[15]. Ma jridx jintesa lanqas il-proviso tal-imsemmi artikolu 836(8)(b) għaliex, f’dan il-każ - għallanqas minn dak li semma l-intimat eżekutant fit-Tweġiba tiegħu -

---

[13] Art. 836(8)(d) tal-Kap 12
[14] Ara P.A. TM **13.3.2003** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Cole Foods Ltd. vs Euro Imports Ltd.***
[15] Ara, per eżempju, P.A. TM **18.9.2002** fl-Atti tal-Mandat fl-ismijiet ***John Żarb vs Port Cottonera Ltd***

seta' kien hemm raġunijiet ta' urġenza biex jinħareġ il-Mandat;

Illi dwar it-tieni ċirkostanza, ir-rikorrent jgħid li l-ħażen tal-intimat joħroġ mill-fatt li dan hareġ il-Mandat meta kien jaf li m'għandu x'jaqsam xejn. Ir-rikorrent iqis li l-ħruġ tal-Mandat huwa vendikazzjoni u xejn iżjed min-naħa tal-intimat. Madankollu, minkejja li l-Qorti qegħda tagħti każ sewwa ta' din ix-xilja, ma jirriżultax li l-intimat wera malizzja bil-ħruġ tal-Mandat, jew li l-ħruġ kien wieħed fieragħ jew biex idejjaq. F'dan l-istadju u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet diġa' magħmula iżjed 'il fuq dwar il-fondatezza tar-raġonevolezza tal-Mandat, il-Qorti jkollha tqis li meta Francis Aquilina talab il-ħruġ tal-Mandat, ried fl-ewwel lok iħares il-pretensjonijiet tiegħu li jiġbor flusu u jitħallas ta' dak li jħoss li kien lilu dovut. F'dan il-każ, il-Qorti sejra timxi fuq il-massima li l-bona fede hija preżunta u li l-ħażen irid jiġi ippruvat[16]. Irid ikun muri iżjed minn b'sempliċi xilja li l-eżekutant ikun mexa b'ħażen konxju jew ħsieb malinn biex jista' jitqies passibbli għall-kundanna tal-penali[17];

Illi, għalhekk, fid-dawl taċ-ċirkostanzi kollha li joħorġu mill-atti, u wara li l-Qorti ħasbet sewwa u fit-tul fuq il-kwestjoni, ma jidhirx li huwa l-każ fejn l-intimat eżekutant għandu jiġi kundannat iħallas penali. Dan, naturalment, jingħad dejjem bla ħsara għal kull jedd talvolta spettanti lir-rikorrent li 'l quddiem u fis-sedi opportuna jressaq pretensjonijiet kif imiss jekk, wara l-kawża fil-mertu, jirriżultaw fatti li din il-Qorti f'dan l-istadju ma tafx bihom jew li dwarhom dik il-Qorti kompetenti tasal f'fehmiet preċiżi għar-rigward;

[16] Ara, per eżempju, App. Ċiv **7.7.1920** fil-kawża fl-ismijiet ***Miller Blacker pro et noe vs Howard*** (Kollez. Vol: **XXIV.i.554**)
[17] Ara P.A. RCP **30.5.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Yorkie Clothing Industry Ltd. vs Dr. Lilian Calleja Cremona***

Illi dwar il-kwestjoni tal-għoti tal-garanzija mill-intimata eżekutanti, irid jingħad li l-Qorti tfisser l-applikazzjoni tal-artikolu partikolari tal-liġi bħala wieħed alternattiv għat-talba għat-tħassir tal-Mandat. Kemm hu hekk, id-dispożizzjonijiet tal-artikolu tal-liġi dwar l-għoti ta' garanzija min-naħa tal-eżekutant huma mqegħda f'artikolu differenti minn dak li jitkellem dwar it-tħassir tal-Mandat, u anzi jista' jingħata biss jekk kemm-il darba t-talba għat-tħassir tal-Mandat ma tintlaqax kollha jew imqar in parti, jiġifieri sakemm il-Mandat ikun b'xi mod għadu fis-seħħ[18]. Li kieku ma kienx hekk, l-aħħar erba' kelmiet tal-artikolu partikolari kienu jkunu ddaħħlu fil-liġi għalxejn;

Illi minbarra dan il-liġi trid ukoll li lill-Qorti tintwera "kawża ġusta" biex twassalha tqiegħed fuq il-parti eżekutanti ta' Mandat kawtelatorju l-piż li toffri garanzija tajba. Il-fatt waħdu li jkun inħareġ il-Mandat ma jitqiesx bħala "kawża ġusta" għall-finijiet ta' dan l-artikolu[19]. Irid ikun hemm raġunijiet oħrajn, iżjed serji u impellenti, li jwasslu lill-Qorti tagħti dik is-sanzjoni;

Illi ngħad ukoll li d-danni li għalihom jirreferi l-artikolu taħt eżami huma dawk li l-intimat eżekutant jista' jipprova li jkun ġarrab direttament minħabba l-ħruġ tal-att kawtelatorju[20], u dment li jikkonkorru l-elementi mitluba mil-liġi għal tali likwidazzjoni;

Illi l-ammont tal-garanzija li jrid jiġi iffissat irid iżomm bilanċ xieraq bejn il-jedd li persuna tressaq att kawtelatorju biex iħares il-pretensjonijiet tagħha f'kawża pendenti, u l-effett li tali att iħalli fuq il-persuna li kontra tagħha jinħareġ dak il-Mandat. Ta' min jgħid hawnhekk li l-ordni biex tingħata

[18] Ara P.A. RCP **30.5.2002** fl-Atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Joseph Demicoli vs Coleiro General Supplies Ltd.***
[19] Ara P.A. TM **4.10.2002** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Paul Caruana vs Rudolphe Gaerty***
[20] Ara P.A. GC **2.3.2001** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Avukat Vincent Falzon noe vs Alex Sullivan***

garanzija m'hijiex l-istess bħal kundanna ta' penali jew kundanna għall-ħlas ta' danni: l-għan waħdieni tagħha huwa li tqiegħed lill-parti eżekutata f'qagħda li, meta u jekk tibda proċeduri għal dan il-għan, issib assi li fuqhom tkun tista' teżegwixxi deċiżjoni favorevoli għaliha;

Illi wara li qieset iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, u b'mod partikolari l-prinċipji mfissrin mill-Qrati tagħna dwar l-applikabiltia' tas-sanzjoni tal-garanzija, il-Qorti ssib li ma jidhirx *prima facie* li l-intimat aġixxa b'qerq jew bi traskuraġni biex iħares il-pretensjoni tiegħu kontra r-rikorrent. Lanqas ma ntwera x'inhuma d-danni li r-rikorrent qiegħed iġarrab bil-Mandat fis-seħħ. Diffiċli, għalhekk, illi din il-Qorti tasal biex issib li hemm ħtieġa li tordna lill-intimat eżekutant biex joffri garanzija biex tagħmel tajjeb għal dak li ma jirriżultax mad-daqqa t'għajn;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tipprovdi dwar ir-Rikors ta' David K. Aquilina billi:

**Tiċħad it-talbiet kollha** tiegħu billi ma humiex mistħoqqa fil-liġi u mill-fatti; u

Tordna li l-**ispejjeż ta' din il-proċedura** jitħallsu mir-rikorrent.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------